MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Numru 160/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**DANNY DAVID DONEO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Danny David Doneo ta’ 38 sena bin Rosario u Mary Anne nee’ La Ferla imwieled Awstralja fit-28 ta’ Lulju 1969 u joqghod ‘Islet’s Court’ Flat 1 Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 119886(M)

Gie akkuzat talli bejn f’Jannar 2008, u fis-snin ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq

iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Alfred Vella ID 209471(M), ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ diversi persuni, ai termini ta’ l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Alfred Vella (Karta tal-Identita’ Numru 209471M) iddikjara li l-imputat issa hallsu dak kollu dovut lilu rigwardanti dan il-kaz u cioe’ l-ammont ta’ €5012.81 (ekwivalenti ghal Lm2152).

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 308, 309, 310(1)(a) u 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Danny David Doneo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-parte civile Alfred Vella (Karta tal-Identita' Numru 209471M) kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-imputat Danny David Doneo taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Danny David Doneo l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------